# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1071/2010

## tat-22 ta' Novembru 2010

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpanniji tal-ajru [trasportaturi bl-ajru] li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru [tat-trasportatur bl-ajru] li topera, u li tħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru [trasportaturi bl-ajru] li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, xi Stati Membri bagħtu informazzjoni lill-Kummissjoni li hija rilevanti fil-kuntest tal-aġġornament tal-lista Komunitarja. L-informazzjoni rilevanti ntbagħtet ukoll minn pajjiżi terzi. Il-lista Komunitarja għandha tiġi aġġornata abbażi ta' dan.

(3) Il-Kummissjoni informat lit-trasportaturi bl-ajru kollha konċernati jew direttament jew, meta dan ma kienx prattikabbli, permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni regolatorja tagħhom, u indikat il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuqhom għandha tkun imsejsa d-deċiżjoni biex tiġi imposta projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni Ewropea jew biex jinbidlu l-kundizzjonijiet ta' projbizzjoni fuq l-operat imposti fuq trasportatur bl-ajru li huwa inkluż fil-lista Komunitarja.

(4) Il-Kummissjoni tat opportunità lit-trasportaturi bl-ajru kkonċernati biex jikkonsultaw id-dokumenti pprovduti mill-Istati Membri, sabiex iressqu kummenti bil-miktub u biex jagħmlu preżentazzjoni orali quddiem il-Kummissjoni fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol u lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/1991 tas-16 ta' Diċembru dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili ([3]).

(5) L-awtoritajiet responsabbli mis-superviżjoni regolatorja tat-trasportaturi bl-ajru kkonċernati ġew ikkonsultati mill-Kummissjoni kif ukoll, f'każijiet speċifiċi, minn uħud mill-Istati Membri.

(6) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet li taw l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni (AESA) u l-Kummissjoni dwar il-konklużjonijiet ewlenin tal-operat li sar qbil dwarhom matul l-aħħar laqgħa tal-Grupp Ewropew ta' Tmexxija tas-SAFA (ESSG) li saret fi Vjenna fit-28 u d-29 ta' Ottubru 2010. B'mod partikolari, ġie infurmat bl-approvazzjoni min-naħa tal-ESSG tal-introduzzjoni fuq bażi volontarja ta' kwota annwali minima tal-ispezzjonijiet li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri mill-2011 'il quddiem.

(7) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet dwar l-analiżi ta' rapporti komprensivi tal-verifiki dwar is-sikurezza mwettqa mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) fil-qafas tal-Programm Universali ta' Verifika għas-Superviżjoni tas-Sikurezza (USOAP) u dwar ir-riżultati tal-attivitajiet ta' koperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-ICAO fil-qasam tas-sikurezza u b'mod partikolari dwar il-possibbiltajiet għall-iskambju ta' informazzjoni dwar is-sikurezza rigward il-livell ta' konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza u l-prattiċi rakkomandati.

(8) Wara l-konklużjonijiet li waslu għalihom fl-assemblea ġenerali tal-ICAO, il-Kummissjoni tat mandat lill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni (AESA) sabiex tikkordina l-analiżi regolari tar-rapporti dwar il-verifiki komprensivi tas-sikurezza mwettqa mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO) fil-qafas tal-Programm Universali ta' Verifika għas-Superviżjoni tas-Sikurezza (USOAP) mal-esperti tal-Istati Membri fil-qafas ta' grupp ta' ħidma li waqqaf il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru. L-Istati Membri huma mitluba jaħtru esperti sabiex jikkontribwixxu għal dan il-kompitu importanti.

([1]) ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15
([2]) ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14
([3]) ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4

(9) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru sema' l-preżentazzjonijiet tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni (AESA) u tal-Kummissjoni dwar il-proġetti ta' għajnuna teknika mwettqa fil-pajjiżi affettwati mir-Regolament (KE) Nru 2111/2005. Il-kumitat ġie infurmat bit-talbiet għal aktar għajnuna u koperazzjoni teknika biex titjieb il-ħila amministrattiva u teknika tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni għal kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-istandards internazzjonali applikabbli.

(10) Il-Kumitat għas-Sikurezza tal-Ajru kien ukoll informat bl-azzjonijiet ta' infurzar li ħadu l-AESA u l-Istati Membri biex jassiguraw ajrunavigabbiltà u manutenzjoni kontinwi tal-inġenji tal-ajru rreġistrati fl-Unjoni Ewropea u operati minn trasportaturi bl-ajru ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili ta' pajjiżi terzi

(11) Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan,

**Ir-trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni Ewropea**

(12) Wara l-informazzjoni li rriżultat mill-Ispezzjonijiet fir-rampa li twettqu mis-SAFA fuq inġenji tal-ajru ta' ċerti trasportaturi bl-ajru tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll minn ċerti spezzjonijiet u verifiki speċifiċi għall-qasam partikolari mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni tagħhom, uħud mill-Istati Membri ħadu ċerti miżuri ta' infurzar. Huma infurmaw lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru b'dawn il-miżuri: Il-Greċja infurmat li rrevokat iċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru (AOC) u l-liċenzja tal-operat ta' Hellas Jet fit-2 ta' Novembru 2010 wara li dan waqaf jopera fit-30 ta' April 2010. Il-Ġermanja infurmat dwar is-sospensjoni tal-AOC tat-trasportatur bl-ajru ACH Hamburg fis-27 ta' Ottubru 2010 u dwar il-limitazzjoni tal-AOC tat-trasportatur bl-ajru Advance Air Luftfahrtgesellschaft fit-30 ta' Settembru 2010 sabiex teskludi inġenju tal-ajru bil-marka tar-reġistrazzjoni D-CJJJ. Spanja kkonfermat li l-AOC ta' Baleares Link Express se jibqa' sospiż sad-9 ta' Ġunju 2010; l-Isvezja infurmat li l-AOC ta' Viking Airlines AB ġie sospiż fid-29 ta' Ottubru 2010.

(13) Il-Portugall informa li wara li kien hemm tħassib serju dwar is-sikurezza tal-operat u l-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru operati minn żewġ trasportaturi bl-ajru Portugiżi - Luzair u White u l-konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni li saru fil-25 ta' Ottubru 2010, huma ddeċidew li jżidu s-superviżjoni kontinwa ta' dawn it-trasportaturi biex jassiguraw li jiġi implimentat fil-ħin pjan ta' azzjoni korrettiva adegwata minn dawn. Il-Portugall informa lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru dwar xi titjib li kien hemm fil-prestazzjoni tat-trasportatur bl-ajru White. Il-Kummissjoni ħadet nota tal-miżuri mħabbra. Se titwettaq spezzjoni ta' standardizzazzjoni fil-Portugall mill-AESA fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 216/2008. Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru se jiġi infurmat kif xieraq dwar ir-riżultati ta' din iż-żjara fil-laqgħa li jmiss.

**It-trasportaturi bl-Ajru mir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan**

*Kam Air*

(14) Teżisti evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet ta' sikurezza min-naħa tal-Kam Air iċċertifikat fir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan. Fil-11 ta' Awwissu 2010 l-inġenju tal-ajru tal-Kam Air tat-tip DC8, bir-reġistrazzjoni YA-VIC, ħabat denbu mar-runway u mal-art bil-ħaxix qabel ma nqata' mill-art waqt it-tluq mill-ajruport ta' Manston (ir-Renju Unit). L-investigazzjonijiet ta' dan l-inċident serju mir-Renju Unit ikkonkludew li kien hemm nuqqasijiet serji fil-kontroll operattiv tal-flotta DC8 tal-Kam Air. Għalhekk ir-Renju Unit impona projbizzjoni nazzjonali fuq l-operat tad-DC8 tal-Kam Air mit-2 ta' Settembru 2010.

(15) Barra minn hekk, l-Awtoritajiet Kompetenti tal-Awstrija osservaw għadd sinifikanti ta' nuqqasijiet serji fis-sikurezza waqt spezzjoni fir-rampa mis-SAFA fuq inġenju tal-ajru tal-Kam Air tat-tip Boeing B767, bin-numru tar-reġistrazzjoni YA-KAM, fis-16 ta' Settembru 2010 ([1]). Ir-riżultati tal-ispezzjoni fir-rampa li saret mis-SAFA wasslu lill-Awstrija biex tikkonkludi li kien hemm sensiela ta' nuqqasijiet min-naħa tal-Kam Air fl-oqsma tal-proċeduri operattivi, tat-tagħmir, tas-sistema ta' immaniġġar u t-tagħbija tal-merkanzija. Fid-dawl tan-nuqqasijiet identifikati matul l-investigazzjoni fir-Renju Unit u l-konverġenza ta' dawn in-nuqqasijiet ma' dawk osservati matul l-ispezzjoni tar-rampa li saret mis-SAFA fl-ajruport ta' Vjenna, l-Awstrija imponiet projbizzjoni nazzjonali fuq l-operat kollu tal-Kam Air mis-17 ta' Settembru 2010 'il quddiem.

(16) F'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 2111/2005 il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru kien infurmat bil-miżuri meħuda miż-żewġ Stati Membri.

(17) Fis-6 ta' Ottubru 2010 l-Awtoritajiet Kompetenti tar-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan (MoTCA) u rappreżentanti mill-Kam Air iltaqgħu mal-Kummissjoni u r-rappreżentanti tal-Istati Membri biex jiddiskutu ċ-ċirkustanzi li fihom sar l-inċident ta' Manston u l-ispezzjoni mis-SAFA fl-Awstrija.

(18) Fil-laqgħa, it-trasportatur bl-ajru ma setax juri li għandu l-ħila jikkonforma mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza rilevanti. Rigward l-inġenju tal-ajru tat-tip DC8, dan kien iddaħħal fis-servizz f'Marzu 2010 mingħajr superviżjoni tal-ġestjoni adegwata u ma ngħata l-ebda taħriġ xieraq lill-ekwipaġġi tal-inġenju tal-ajru impjegati biex joperaw l-inġenju tal-ajru. Barra minn hekk, dawn l-ekwipaġġi kienu għad iridu jlestu t-taħriġ rilevanti minkejja li l-inġenju tal-ajru baqa' jintuża għal titjiriet kummerċjali internazzjonali. ma' dan, it-trasportatur bl-ajru ma pprovda l-ebda prova li l-ekwipaġġ tat-titjira kien aġġornat fid-dmirijiet ta' titjir tiegħu fil-mument tal-inċident serju fir-Renju Unit. Rigward l-inġenju tal-ajru tat-tip

([1]) ACG-2010-335.

Boeing B-767, il-Kam Air spjegat li l-inġenju tal-ajru bil-marka tar-reġistrazzjoni YA-KAM, soġġett għall-ispezzjoni fir-rampa fl-Awstrija, kien se jagħmel l-ewwel titjira tiegħu wara li kien ilu ipparkjat għal perjodu twil, u ma kienx imħejji b'mod xieraq għall-operat qabel it-titjira li kien se jagħmel għal Vjenna. Barra minn hekk, it-trasportatur bl-ajru spjega li, minħabba l-introduzzjoni tad-DC8, ir-riżorsi maniġerjali tiegħu kienu mġebbdin wisq u ma setgħux jassiguraw li l-attivitajiet korretti fis-sikurezza saru qabel it-tluq tal-inġenju tal-ajru.

(19) It-trasportatur bl-ajru Kam Air talab li jinstema' quddiem il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru u għamel preżentazzjoni fid-9 ta' Novembru 2010. Il-Kam Air informa lill-Kumitat li ma kienx għadu jopera l-inġenju tal-ajru tat-tip DC 8. Barra minn hekk, filwaqt li Kam Air kien analizza l-movimenti li wasslu għal projbizzjoni mir-Renju Unit u l-Awstrija, naqas milli jidentifika xi nuqqasijiet sistematiċi fit-trasportatur bl-ajru li jispjegaw in-nuqqas ta' konformità mal-Istandards tal-ICAO.

(20) Fil-laqgħa tas-6 ta' Ottubru 2010, l-MoTCA ma setgħux jispjegaw l-eżistenza ta' żewġ Speċifikazzjonijiet differenti tal-Operat għall-Kam Air iffirmati fl-istess ġurnata (29 ta' Settembru 2010) li waħda minnhom kellha muri d-DC8 u l-oħra kellha d-DC8 imħassar. Għalhekk ma kienx ċar jekk kinitx ingħatat l-approvazzjoni lill-Kam Air biex jopera l-inġenju tal-ajru tat-tip DC8 minn dakinhar. Barra minn hekk, l-MoTCA ma setgħetx turi r-riżultati ta' xi ċertifikazzjoniu tal- attivitajiet tas-sorveljanza mwettqa fuq il-Kam Air.

(21) Minħabba dawn is-sejbiet, abbażi tal-kriterji komuni huwa vvalutat li t-trasportatur bl-ajru Kam Air mhux konformi mal-kriterji komuni u għalhekk għandu jitqiegħed fl-Anness A.

*Superviżjoni ġenerali tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru mill-Afganistan*

(22) Teżisti evidenza vverifikata li l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan attwalment mhumiex kapaċi jimplimentaw u jinfurzaw l-istandards rilevanti tas-sikurezza u li jissorveljaw l-inġenji tal-ajru użati mit-trasportaturi bl-ajru skont l-awtorità regolatorja tiegħu konformi mal-obbligi skont il-Konvenzjoni ta' Chicago. Kif ippreżentat mill-MoTCA fis-6 ta' Ottubru 2010, l-awtorità attwalment għandha ħafna diffikultajiet biex tikkonforma mal-obbligi internazzjonali tagħha fl-elementi kruċjali kollha tas-sistema ta' sikurezza. Bħalissa qed tiddependi kompletament fuq l-għarfien espert provdut mill-ICAO biex tagħmel l-ispezzjonijiet, u qalet li, minħabba dak in-nuqqas ta' staff kwalifikat, ħarġet Ċertifikati ta' Ajrunavigabbiltà lil uħud mill-inġenji tal-ajru mingħajr ma wettqet l-ispezzjonijiet rilevanti. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni primarja dwar l-operat tal-inġenji tal-ajru kienet ilha ma tiġi aġġornata (1972); kien tressaq abbozz ta' liġi lill-Gvern biex jiġi approvat bla ebda indikazzjoni ta' data ta' adozzjoni. Aktar minn hekk ir-regolamenti tal-operat kellhom biss natura mhux vinkolanti (ċirkularijiet ta' konsulenza).

(23) Il-MoTCA talbet li tinstema' mill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru u tat preżentazzjoni fid-9 ta' Novembru 2010. Huma aċċettaw li s-superviżjoni tagħhom sal-lum ma kinitx tassigura b'mod xieraq li l-Istandards tal-ICAO kienu ġew sodisfati mit-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fl-Afganistan. Madankollu, il-MoTCA informat lill-Kumitat li huma kienu ddeċidew li ma joħorġux iktar Ċertifikati tal-Operatur tal-Ajru, li kienu biddlu l-istruttura tal-ġestjoni tagħhom fi ħdan il-MoTCA u li kienu pprojbixxew l-operat tal-inġenju tal-ajru tat-tip AN 24. Barra minn hekk, għadu kif ġie introdott sett ġdid ta' Regolamenti tal-Avjazzjoni fil-liġi u l-MoTCA kienet qed tħejji biex terġa' toħroġ mill-ġdid ċertifikati lit-trasportaturi bl-ajru kollha fl-Afganistan skont dawn ir-Regolamenti l-ġodda.

(24) Il-Kummissjoni ħadet nota tal-kundizzjonijiet diffiċli għall-aħħar li kienet topera fihom l-MoTCA, u laqgħet l-impenn mill-awtorità kompetenti biex ittejjeb is-sitwazzjoni fil-ġejjieni. Madankollu, il-Kummissjoni nnotat li, bħalissa, il-MoTCA ma tistax taqdi r-responsabbiltajiet tagħha sew bħala awtorità ta' ċertifikazzjoni u ma tistax tassigura li t-trasportaturi bl-ajru tagħhom huma konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza.

(25) Minħabba dawn is-sejbiet, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li t-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati fir-Repubblika Iżlamika tal-Afganistan għandhom jitqiegħdu fl-Anness A.

**It-trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika tal-Gana**

(26) Wara l-miżuri imposti bir-Regolament (UE) Nru 791/2010 tas-6 ta' Settembru 2010 ([1]) dwar żewġ trasportaturi bl-ajru fil-Gana - Meridian Airways u Airlift International (GH) Ltd, l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Gana (GCAA) talbu li jinstemgħu quddiem il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru u għamlu dan fl-10 ta' Novembru 2010.

(27) Waqt il-preżentazzjoni, il-GCAA tat id-dettalji dwar l-azzjonijiet meħuda sal-lum sabiex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fil-Meridian Airways, l-Air Charter Express u l-Airlift International, u ddeskriviet it-titjib li kienu qed jimplimentaw fis-sistema ta' superviżjoni fil-Gana, inkluż ir-rekwiżit li t-trasportaturi kollha bl-ajru ċċertifikati fil-Gana għandhom iwettqu l-attivitajiet tagħhom fil-Gana. Il-GCAA infurmat ukoll lill-Kumitat li wettqet spezzjoni ta' inġenju tal-ajru tat-tip DC 8, bir-reġistrazzjoni 9G-RAC li jopera l-Airlift International u kkonfermat li n-nuqqasijiet ta' konformità identifikati mir-Renju Unit kienu ġew indirizzati.

([1]) ĠU L 237, 8.9.2010, p. 10.

(28) Il-Kummissjoni nnutat ir-rieda tal-GCAA biex tindirizza n-nuqqasijiet fis-sorveljanza tagħhom billi investiet riżorsi addizzjonali, u laqgħet id-deċiżjoni li tesiġi lit-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fil-Gana biex jiġu rilokati fil-Gana u żżomm il-post prinċipali tan-negozju tagħha fil-Gana sabiex is-CAA tkun tista' tassigura superviżjoni xierqa. Fi sforz biex ikun appoġġat ix-xogħol li l-GCAA qed tgħmel biex jinkiseb it-titjib fis-sistema tagħhom tas-superviżjoni, il-Kummissjoni talbet lill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni sabiex tagħti assistenza teknika permezz ta' żjara matul l-ewwel parti tas-sena 2011.

*Airlift International (GH) Ltd.*

(29) It-trasportatur bl-ajru Airlift International (GH) Ltd talab li jinstema' quddiem il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru u ta preżentazzjoni fl-10 ta' Novembru 2010. It-trasportatur bl-ajru ppreżenta t-titjib li għamel fl-istruttura, il-politika u l-proċeduri, ir-riżorsi u l-konformità regolatorja tiegħu. It-trasportatur bl-ajru kkonferma li l-inġenji tal-ajru 9G-SIM u 9G-FAB għandhom jibqgħu maħżuna sakemm tingħata d-deċiżjoni dwar l-azzjoni tal-manutenzjoni sabiex tinżamm l-ajrunavigabbiltà tagħhom qabel ikomplu joperaw. It-trasportatur bl-ajru qabel mal-opinjoni li tat il-GCAA li huma kienu indirizzaw in-nuqqasijiet li kienu ġew identifikati qabel mal-9G-RAC.

(30) Il-Kummissjoni nnutat il-progress li sar mit-trasportatur bl-ajru meta dan jindirizza tħassib identifikat dwar is-sikurezza. Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet, ibbażati fuq il-kriterji komuni, hu vvalutat li l-inġenju tal-ajru tat-tip DC8 bil-marki tar-reġistrazzjoni 9G-RAC, għandu jitneħħa mill-Anness B u jitħalla jopera fl-Unjoni.

(31) L-Istati Membri se jbqgħu jivverifikaw il-konformità tal-Airlift International mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz ta' prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom j itwettqu fuq inġenju tal-ajru ta' dan it-trasportatur bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 351/2008 u l-Kummissjoni se tibqa' timmonitorja mill-qrib l-azzjonijiet meħuda mill-Airlift International.

*Air Charter Express*

(32) Teżisti evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet fis-sikurezza min-naħa ta' Air Charter Express iċċertifikata fir-Repubblika tal-Gana. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati mill-Belġju, Franza, u l-Pajjiżi l-Baxxi u r-Renju Unit waqt spezzjoni fir-rampa mwettqa taħt il-programm SAFA ([1]).

(33) It-trasportatur bl-ajru ltaqa' mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri fid-9 ta' Ġunju 2010 biex jiddiskuti t-tħassib li rriżulta mill-ispezzjonijiet li wettqet is-SAFA u t-trasportatur bl-ajru qabel li jipprovdi pjan ta' azzjoni korrettiva biex jindirizza n-nuqqasijiet identifikati.

(34) It-trasportatur bl-ajru Air Charter Express talab li jinstema' quddiem il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru u għamel preżentazzjoni fl-10 ta' Novembru 2010. It-trasportatur bl-ajru ddeskriva l-azzjonijiet meħuda bħala parti mill-pjan ta' azzjoni korrettiva sal-lum, b'mod partikolari fl-oqsma ta' proċeduri, kontroll tal-operat, manutenzjoni u taħriġ, u kkonferma li x-xogħol dwar l-azzjonijiet rimedjali kienu għadhom għaddejjin.

(35) Il-Kummissjoni nnutat il-progress li kien qed jagħmel it-trasportatur bl-ajru u enfasizzat il-ħtieġa li tiżgura li kwalunke azzjoni rimedjali u preventiva meħuda mill-Air Charter Express kienet implimentata b'mod effikaċi sabiex ikun evitat li jerġa' jkun hemm xi nuqqas fis-sikurezza mqajma qabel jew matul l-ispezzjonijiet fir-rampa tal-inġenju tal-ajru tiegħu. L-Istati Membri se jbqgħu jivverifikaw il-konformità tal-Air Charter Express mal-istandards rilevanti tas-sikurezza permezz ta' prijoritizzazzjoni tal-ispezzjonijiet fir-rampa li għandhom jitwettqu fuq inġenju tal-ajru ta' dan it-trasportatur bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 351/2008 u l-Kummissjoni se tibqa' timmonitorja mill-qrib l-azzjonijiet meħuda mill-Air Charter Express.

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Każakistan**

(36) Kif provdut fir-Regolament Nru 1144/2009 il-Kummissjoni baqgħet għaddejja, b'mod attiv, bil-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Każakistan bil-għan li ssegwi l-progress ta' dawn l-awtoritajiet fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva stabbilit mill-Istat biex tagħti rimedju għan-nuqqasijiet identifikati mill-ICAO matul il-verifika komprensiva tas-sikurezza li saret f'April 2009 fil-qafas tal-Programm Universali ta' Verifika għas-Superviżjoni tas-Sikurezza, u b'mod partikolari it-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza nnotifikat mill-ICAO lill-Stati kollha li huma Parti għall-Konvenzjoni ta' Chicago.

(37) Wara l-konsultazzjonijiet li saru mal-Kummissjoni fis-27 ta' Settembru 2010, l-awtoritajiet kompetenti tal-Każakistan (CAC) taw il-fehma tagħhom quddiem il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru fl-10 ta' Novembru 2010. Huma infurmaw li kienu għamlu iktar progress fl-implimentazzjoni tal-azzjoni korrettiva tagħhom. B'mod partikolari, il-Każakistan adottata liġi ġdida dwar l-avjazzjoni fil-15 ta' Lulju 2010 u bħalissa għaddej xi xogħol fuq iktar minn 100 att ta' leġiżlazzjoni sekondarja li għandhom jgħaddu sabiex tiġi implimentata l-liġi dwar l-avjazzjoni fix-xhur li ġejjin.

(38) Fit-18 ta' Ottubru 2010 ġie adottat l-ewwel pakkett ta' din il-leġiżlazzjoni li tkopri xogħol fl-ajru u fl-istess jum l-awtoritajiet kompetenti tal-Każakistan ħassru l-AOC ta' 15-il kumpanija - KazAirWest, IJT Aviation, Euro Asia Air International, Berkut ZK, Tyan Shan, Kazavia, Navigator, Salem, Orlan 2000, Fenix, l-Assoċjazzjoni ta' piloti dilettanti tal-Każakistan, Burundayavia, Sky Service, Aeroprakt KZ, Asia Continental Avialines.

([1]) BCAA-2009-157, BCAA-2010-87, DGAC/F-2009-2422, DGAC/F-2009-2651, DGAC/F-2009-2766, DGAC/F-2010-1678, DGAC/F-2010-2075, CAA-NL-20109-195, CAA-NL-20109-196, CAA-UK-2010-923

(39) Fit-28 ta' Ottubru 2010, l-awtoritajiet kompetenti tal-Każakistan infurmaw li tnejn minn dawn it-trasportaturi, Burundayavia u Euro Asia Air International talbu li jerġa' jinħarġilhom l-AOC. Fil-laqgħa tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru, l-awtoritajiet kompetenti tal-Każakistan naqsu milli jikkjarifikaw l-istatus tal-operat ta' dawn iż-żewġ kumpaniji. Konsegwentament, abbażi tal-kriterji komuni, hu vvalutat li Burundayavia u Euro Asia Air International għandhom jibqgħu fl-Anness A.

(40) Is-sottomissjonijiet u l-preżentazzjonijiet li għamlu l-awtoritajiet kompetenti tal-Każakistan (CAC) fir-rigward tal-kumpaniji: Asia Continental Avialines, KazAirWest, Kazavia, Orlan 2000, ma jinkludux biżżejjed informazzjoni li turi li dawn il-kumpaniji waqqfu l-attivitajiet tat-trasport kummerċjali bl-ajru. Ic-CAC naqsu milli jipprovdu dokumentazzjoni sħiħa rigward iċ-ċertifikati u l-approvazzjonijiet li taw dawn il-kumpaniji wara li ġew rivokati l-AOCs tagħhom. B'mod partikolari, għal dawn il-kumpanijiet hemm informazzjoni li tindika li dawn qed joperaw inġenju tal-ajru kbir tat-trasport. Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, hu vvalutat li f'dan l-istadju dawn l-erba' kumpaniji jibqgħu fl-Anness A.

(41) L-awtoritajiet kompetenti tal-Każakistan ddikjaraw u taw evidenza li turi li l-Assoċjazzjoni ta' Piloti Dilettanti tal-Każakistan, Aeroprakt KZ, Berkut ZK, IJT Aviation, Navigator, Fenix, Salem, Sky Service, Tyan Shan Flight Center, ma għadhomx ingaġġati iktar fit-trasportazzjoni kummerċjali bl-ajru u ma għadx għandhom liċenzja valida tal-operat. Għalhekk m'għadhomx meqjusin aktar bħala trasportaturi bl-ajru skont it-tifsira tal-Artikolu 2(a) tar-Regolament KE Nru 2111/2005. Fid-dawl ta' dan, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li disa' kumpaniji għandhom jitneħħew mill-Anness A.

(42) Il-Kummissjoni tappoġġa r-riforma ambizzjuża tas-sistema tal-avjazzjoni Ċivili li qed titwettaq mill-awtoritajiet tal-Każakistan u tistieden lill-awtoritajiet biex ikomplu l-isforzi tagħhom b'determinazzjoni ħalli jimplimentaw il-pjan ta' azzjoni korrettiva maqbul mal-ICAO, li jiffoka bi prijorità fuq il-problemi sinifikanti dwar is-sikurezza li għadhom ma ġewx solvuti u biex jerġgħu joħorġu ċ-ċertifikati mill-ġdid lill-operaturi kollha taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Il-Kummissjoni, bl-għajnuna tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni u l-appoġġ tal-Istati Membri, hija lesta torganizza, fl-aħjar żmien possibli, valutazzjoni fuq il-post sabiex tivverifika l-progress li jkun inkiseb fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni.

**It-trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika tal-Mawritanja**

(43) Teżisti evidenza vverifikata ta' nuqqas ta' ħila min-naħa tal-awtoritajiet responsabbli għas-superviżjoni tat-trasportaturi bl-ajru fir-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja biex jiġu indirizzati b'mod effikaċi n-nuqqasijiet fis-sikurezza u biex tinstab soluzzjoni għat-tħassib dwar is-sikurezza, kif intwera bir-riżultati tal-verifika għall-Mawritanja mwettqa mill-ICAO fil-qafas tal-Programm Universali ta' Verifika għas-Superviżjoni tas-Sikurezza (USOAP) f'April 2008. Ir-rapport finali li kien sar disponibbli f'Marzu 2009 irrapporta għadd kbir ta' nuqqasijiet kbar rigward il-ħila tal-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili biex jaqdu r-responsabbiltajiet tagħhom dwar is-superviżjoni tas-sikurezza tal-ajru. Fil-mument li tlestiet il-verifika, aktar minn 67 % tal-istandards tal-ICAO ma kinux ġew implimentati b'mod effikaċi. Fl-element kritiku li jirriferi għar-riżoluzzjoni tat-tħassib identifikat tas-sikurezza, l-ICAO rrapporta li iktar minn 93 % tal-istandards tal-ICAO ma kinux implimentati.

(44) Teżisti evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet serji fis-sikurezza min-naħa tat-trasportatur bl-ajru Mauritania Airways iċċertifikat fil-Mawritanja. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati minn Franza u Spanja waqt spezzjonijiet fir-rampa mwettqa taħt il-programm SAFA ([1]). Il-Mauritania Airways ma tawx ir-reazzjonijiet tagħhom b'mod xieraq lill-awtoritajiet li wettqu l-ispezzjonijiet u ma wrewx li dawn in-nuqqasijiet ġew retifikati b'mod sostenibbli.

(45) Il-Kummissjoni bdiet konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tal-Mawritanja fi Frar 2010, fejn esprimiet tħassib serju dwar is-sikurezza tal-operat tat-trasportaturi bl-ajru lliċenzjati f'dan il-pajjiż u talbet kjarifikazzjonijiet dwar l-azzjonijiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Mawritanja biex jirreaġixxu għas-sejbiet tal-ICAO u s-sejbiet tas-SAFA. Dawn il-konsultazzjonijiet kienu segwiti b'korrispondenza f'Marzu u Ottubru 2010 fuq l-istess kwistjonijiet. Fid-9 ta' Novembru 2010, l-awtoritajiet kompetenti tal-Mawritanja wkoll instemgħu quddiem il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru.

(46) Teżisti nuqqas ta' ħila min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti tal-Mawritanja (ANAC) biex jirrimedjaw b'mod effikaċi s-sejbiet mhux konformi li għamlu l-ICAO, kif jidher mill-fatt li l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni mmirat biex jindirizza s-sejbiet li għamlu l-ICAO qiegħda ssir tard. L-ANAC ma pprovditx l-evidenza tal-għeluq sodisfaċenti ta' dawn is-sejbiet irrappurtati daqslikieku magħluqa. Pereżempju, l-att dwar l-avjazzjoni ċivili tal-1972 għadu ma ġiex rivedut u lanqas il-leġiżlazzjoni dwar l-avjazzjoni sekondarja speċifika. Konsegwentament, il-bażi legali għaċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni kontinwa tat-trasportaturi kollha bl-ajru lliċenzjati fil-Mawritanja mhijiex konformi mal-istandards internazzjonali applikabbli tas-sikurezza.

([1]) DGAC/F-2009-2728; DGAC/F-2010-343; DGAC/F-2010-520, DGAC/F-2010-723, DGAC/F-2010-1007, DGAC/F-2010-1294, DGAC/F-2010-1573, DGAC/F-2010-1914, DGAC/F-2010-2004; AESA-E-2010-46, AESA-E-2010-249; AESA-E-2010-396; AESA-E-2010-478

(47) L-ANAC informat lil Mauritania Airways li bħalissa hu l-uniku trasportatur bl-ajru ċċertifikat fil-Mawritanja u li l-AOC ta' dan it-trasportatur kien iġġedded fit-8 ta' Lulju 2010 għal perjodu limitat ta' 6 xhur, li jiskadi fil-31 ta' Diċembru 2010. L-ANAC, madankollu, naqset milli tagħti evidenza tal-verifiki li saru qabel it-tiġdid flimkien mad-dettalji ta' xi pjan ta' azzjoni li ngħata sabiex jiżgura n-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati qegħdin jiġu rimedjati b'mod effikaċi u sostenibbli. B'mod partikolari, ma ngħatat l-ebda evidenza tal-approvazzjoni tal-manwal tal-operat tal-operatur, il-lista ta' tagħmir minimu tal-operatur, spjegazzjoni ċara tal-ġestjoni tal-manutenzjoni tal-operatur u spjegazzjoni ċara tal-organizzazzjoni tal-manutenzjoni.

(48) Fid-9 ta' Novembru 2010, il-Mauritania Airways instemghet quddiem il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru u informat li t-trasportatur bl-ajru beda sensiela ta' azzjonijiet korrettivi sabiex jindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul l-ispezzjonijiet fir-rampa min-naħa tas-SAFA kif ukoll investigazzjoni interna wara l-inċident bl-inġenju tal-ajru li seħħ f'Lulju 2010. Madankollu, il-Mauritania Airways naqset milli turi li dawn l-azzjonijiet diġà taw xi riżultati. Barra minn hekk, naqsu milli juru li l-kumpanija għandha l-approvazzjonijiet neċessarji li saret referenza għalihom iktar 'il fuq.

(49) Il-Mauritania Airways ikkonfermat li inġenju tal-ajru tat-tip Boeing B737-700 bil-marka tar-reġistrazzjoni TS-IEA li topera l-Maurtania Airways kien involut f'inċident li seħħ fis-27 ta' Lulju 2010 li wassal għal ħafna feruti u ħsara sostanzjali lill-inġenju tal-ajru li għadu sal-lum għat-tiswija. Informazzjoni preliminari li ta t-trasportatur bl-ajru żvelat bosta nuqqasijiet, b'mod partikolari anomalija fl-estensjoni tas-slats kif ukoll approċċ mhux stabbilizzat.

(50) L-awtoritajiet kompetenti tal-Mawritanja (ANAC) ma wrewx li qegħdin f'pożizzjoni li jaqdu b'mod effikaċi r-responsabbiltajiet tagħhom dwar is-superviżjoni tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fil-Mawritanja. Minħabba dawn is-sejbiet, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li t-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati fil-Mawritanja għandhom jiġu inklużi fl-Anness A.

(51) Il-Kummissjoni theġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Mawritanja (ANAC) sabiex twettaq b'mod attiv l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva li ntbagħat lill-ICAO u hija lesta tagħti l-appoġġ tagħha jekk dan ikun neċessarju. Il-Kummissjoni, bl-għajnuna tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni u l-appoġġ tal-Istati Membri, hija b'mod partikolari lesta torganizza valutazzjoni fuq il-post sabiex tivverifika l-progress li jkun inkiseb fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni.

**Ukrainian Mediterranean Airlines**

(52) Il-Ukranian Mediterranean Airlines iċċertifikata fl-Ukraina talbet li tinstema' quddiem il-Kumitat ta' Sikurezza tal-Ajru u għamlet dan sad-9 ta' Novembru 2010. It-trasportatur informa li bħalissa ġġedded il-flotta tagħha u li l-inġenju tal-ajru DC-9 mhux se jibqa' jopera. Madankollu, l-Ukrainian Mediterranean Airlines ma hemżux l-ispeċifikazzjonijiet tal-operat kollha u li għandhom bħalissa maċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru u naqsu milli jiċċaraw dan fis-smiegħ liema flotta qiegħda topera bħalissa. Barra minn hekk, ġie konfermat li l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina qed iwettqu verifika tal-Ukrainian Mediterranean Airlines bħala partim mill-proċess ta' tiġdid taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru, li jiskadi fit-28 ta' Novembru 2010, u li dan il-proċess għadu ma tlestiex. Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, hu vvalutat li l-Ukrainain Mediterranean Airlines għandhom jibqgħu fl-Anness A.

(53) Is-sottomissjonijiet li saru wara s-smiegħ tat-trasportatur bl-ajru se jiġu eżaminati mill-Kummissjoni u l-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru.

**Air Algérie**

(54) Wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru 590/2010 ([1]), it-trasportatur bl-ajru Air Algérie wettaq ħafna spezzjonijiet fuq l-inġenji tal-ajru tiegħu qabel it-tluq lejn id-destinazzjonijiet fl-Unjoni Ewropea. L-awtoritajiet kompetenti tal-Alġerija f'Settembru 2010 ingaġġaw timijiet ta' tekniki biex iwettqu l-ispezzjonijiet (imsejħin l-ispezzjonijiet SANAA), abbażi tal-metodoloġija tas-SAFA, fuq l-inġenji tal-ajru operati mill-kumpanija Air Algérie, partikolarment dawk li joperaw fuq rotot lejn l-Unjoni Ewropea. Dawn l-isforzi konġunti għandhom jgħinuhom jiskopru u jsolvu għadd ta' nuqqasijiet ta' qabel it-tluq tal-inġenji tal-ajru. Madankollu, ir-riżultati tal-ispezzjonijiet qajmu xi dubji dwar il-kwalità tal-attivitajiet ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru.

(55) Kif mitlub mir-Regolament (UE) Nru 590/2010 u sal-laqgħa tal-Kumitat tal-Avjazzjoni tal-Ajru tal-10 ta' Novembru 2010, l-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tal-Alġerija ressqu erba' rapporti ta' kull xahar li jkopru Ġunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2010. Dawn ir-rapporti ffukaw fuq ir-riżultati tas-superviżjoni tas-sikurezza mwettqa fuq l-attivitajiet tal-Air Algérie u kellhom miżjud magħhom is-sejbiet skoperti waqt l-ispezzjonijiet imwettqa mill-ispetturi tal-Air Algérie fuq l-inġenji tal-ajru tat-trasportatur bl-ajru. Dawn ir-rapporti madankollu, ma jagħtux l-informazzjoni dwar il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Alġerija u kif ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni tar-riskju huma meqjusa fil-proċess u fl-ippjanar tas-superviżjoni.

([1]) ĠU L 170, 5.7.2010, p. 9.

(56) Minħabba l-persistenza ta' sejbiet fl-oqsma tal-ajrunavigabbiltà, manutenzjoni u operat kontinwi, kif ukoll fis-sikurezza tal-merkanzija abbord, skoperti waqt l-ispezzjonijiet imwettqa mis-SAFA, mis-SANAA u dawk interni mill-Air Algérie u sabiex jiksbu kjarifikazzjonijiet dwar ir-rapporti ta' kull xahar, fil-11 ta' Ottubru 2010 saru konsultazzjonijiet mal-awtorità kompetenti bil-parteċipazzjoni tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni u Stat Membru. F'din il-laqgħa, il-Kummissjoni ħadet nota tal-impenn li sar mill-awtoritajiet kompetenti tal-Alġerija sabiex twettaq analiżi komprensiva tal-kawża tal-qofol tagħhom u biex jippreżentaw pjan sod ta' azzjoni korrettiva kif ukoll l-informazzjoni rilevanti kollha li turi l-azzjonijiet meħuda kemm mill-awtoritajiet kompetenti tal-Alġerija kif ukoll mill-awtoritajiet tal-Air Algérie biex tinġieb soluzzjoni sostenibbli. Fl-20 ta' Ottubru 2010, tressaq pjan ta' azzjoni korrettiva li ġie approvat mill-awtoritajiet kompetenti tal-Alġerija quddiem il-Kummissjoni.

(57) Fl-10 ta' Novembru 2010, l-Air Algérie ppreżentat pjan ta' azzjoni korrettiva aħjar lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru. Il-Kumitat irrikonoxxa l-isforzi li saru mit-trasportatur bl-ajru sabiex jiġu riżolti n-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati u talab lill-awtoritajiet kompetenti tal-Alġerija biex itejbu l-attivitajiet ta' superviżjoni tagħhom bil-għan li jiżguraw li l-istandards rilevanti dwar is-sikurezza huma rispettati. Matul il-laqgħa tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru l-awtoritajiet kompetenti tal-Alġerija indikaw ix-xewqa tagħhom li jkomplu jsaħħu ll-ħiliet tagħhom permezz ta' proġett ta' ġemellaġġ. Bil-għan li jiġu appoġġati l-awtoritajiet kompetenti tal-Alġerija biex dawn ikomplu jtejbu l-isfidi tagħhom biex jerġgħu jinfurzaw il-ħila tagħhom biex jaqdu r-responsabbiltajiet tagħhom, l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni se tmexxi missjoni ta' assistenza fi Frar 2011.

(58) Sadanittant, l-Istati Membri għandhom ikomplu jimmonitorjaw mill-qrib il-prestazzjoni tal-Air Algérie fil-qafas tar-Regolament (KE) Nru 351/2006 sabiex jingħata l-bażi għal valutazzjoni ġdida ta' dan il-każ fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru.

**It-trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika tal-Kongo**

(59) F'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1144/2009 ([1]) it-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati fir-Repubblika tal-Kongo huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fl-Unjoni Ewropea u inklużi fil-lista fl-Anness A.

(60) Il-Kummissjoni infurmat lill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru dwar ir-riżultati ta' missjoni ta' assistenza teknika li twettqet fi Frar 2010 mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza fl-Avjazzjoni lir-Repubblika tal-Kongo wara l-verifika tal-ICAO USOAP, li saret f'Novembru 2008. Il-verifika ICAO USOAP irriżultat fi Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza rigward l-operat tal-inġenji tal-ajru, iċ-ċertifikazzjoni u superviżjoni eżerċitati mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tar-Repubblika tal-Kongo (ANAC) flimkien ma' rata għolja ta' nuqqas ta' implimentazzjoni tal-istandards tas-sikurezza (76,89 %); it-Tħassib Sinifikanti dwar is-Sikurezza attwalment għadu mhux solvut. Waqt il-missjoni ta' assistenza teknika kien innotat li l-ANAC għamlet sforzi ċari f'kull livell biex timplimenta pjan ta' azzjoni korrettiva u wriet impenn qawwi biex jingħelbu l-kwistjonijiet tas-sikurezza enfasizzati mill-verifika tal-ICAO. Il-Kummissjoni tilqa' dawn il-mossi ta' kuraġġ u se tibqa' timmonitorja l-progress li tagħmel l-ANAC lejn implimentazzjoni effikaċi tal-pjan ta' azzjoni korrettiva tagħhom biex jiġi assigurat li n-nuqqasijiet attwali fis-sikurezza jiġu indirizzati mingħajr dewmien żejjed.

(61) It-trasportatur bl-ajru Equaflight Service iċċertifikat mill-ANAC talab li jinstema' mill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru u għamel dan fl-10 ta' Novembru 2010. It-trasportatur bl-ajru ppreżenta l-attività tiegħu u l-informazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tiegħu.

(62) It-trasportatur bl-ajru Trans Air Congo ċċertifikat mill-ANAC talab li jinstema' mill-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru u għamel dan fl-10 ta' Novembru 2010. It-trasportatur bl-ajru ppreżenta l-attività tiegħu u l-informazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tiegħu.

(63) Il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru ħa nota tar-rapport ta' progress. Madankollu, f'dan l-istadju, il-preżentazzjonijiet mit-trasportaturi bl-ajru ma tħallewx jiddeterminaw li huma ssodisfaw l-istandards applikabbli tas-sikurezza tal-ICAO. Barra minn hekk, abbażi tal-kriterji komuni, sakemm ikun hemm implimentazzjoni effikaċi tal-azzjonijiet korrettivi adegwati biex jiġi riżolt it-tħassib sinifikanti tal-ICAO dwar is-sikurezza u fin-nuqqas ta' progress sinifikanti fl-għeluq tas-sejbiet imqajma matul il-verifika tal-ICAO, huwa vvalutat li l-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Kongo, f'dan l-istadju, ma jistgħux jimplimentaw u jinfurzaw l-istandards tas-sikurezza rilevanti fuq it-trasportaturi kollha taħt il-kontroll regolatorju tagħhom. Għalhekk, it-trasportaturi kollha bl-ajru ċċertifikati minn dawn l-awtoritajiet għandhom jibqgħu fl-Anness A.

(64) Il-Kummissjoni se tkompli b'mod attiv il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet kompetenti tar-Repubblika tal-Kongo dwar l-azzjonijiet imwettqa minnhom biex titjieb is-sikurezza fl-avjazzjoni u lesta tibda t-tieni missjoni ta' assistenza teknika fl-2011 bil-għan li jibnu l-kapaċità amministrattiva u teknika tagħhom fl-avjazzjoni ċivili.

([1]) ĠU L 312, 27.11.2009, p. 16.

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Kirgistan**

(65) L-awtoritajiet kompetenti tal-Kirgistan talbu li jinstemgħu quddiem il-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru u għamlu dan fl-10 ta' Novembru 2010. Huma infurmaw li qed jagħmlu progress f'riforma ambizzjuża tas-settur tal-avjazzjoni li ilha implimentata mill-2006 bil-għan li tissaħħah is-sikurezza tal-ajru. L-awtoritajiet kompetenti qegħdin b'mod partikolari jagħmlu progress fil-bini tal-kapaċità tagħhom billi jimpjegaw iktar spetturi kwalifikati. Dan se jibqa' jsir fix-xhur li ġejjin. Il-leġiżlazzjoni dwar l-avjazzjoni tal-Istat qiegħda tiġi riveduta bil-għan li tiġi assigurata l-konformità mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza sa Novembru 2011.

(66) L-awtoritajiet kompetenti tal-Kirgistan taw informazzjoni li huma ħarġu AOC ġdid għat-trasportatur bl-ajru CAAS. Abbażi tal-kriterji komuni, hu vvalutat li s-CAAS għandha tiġi inkluża fl-Anness A.

(67) L-awtoritajiet kompetenti tal-Kirgistan infurmaw ukoll li kienu ssospendew l-AOCs ta' tliet trasportaturi bl-ajru - Itek Air, TransAero u Asian Air. Barra minn hekk, infurmaw li kienu ħadu azzjonijiet ta' infurzar fir-rigward tat-trasportaturi li ġejjin: Golden Rules Airlines, Kyrgyzstan Airline, Max Avia, Tenir Airlines. Madankollu, naqsu milli juru li l-liċenzja jew l-AOC ta' dawn it-trasportaturi kienu rivokati. Konsegwentament, abbażi tal-kriterji komuni, hu vvalutat li dawn it-trasportaturi għandhom jibqgħu fl-Anness A.

(68) Minħabba li abbażi tal-kriterji komuni, s'issa ma ġiet ikkomunikata l-ebda evidenza ta' implimentazzjoni sħiħa tal-azzjonijiet rimedjali adegwati mit-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fil-Kirgistan u mill-awtoritajiet bir-responsabbiltà tas-superviżjoni regolatorja ta' dawn it-trasportaturi bl-ajru, huwa vvalutat li l-CAAS għandhom jiġu inklużi fl-Anness A.

(69) Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-awtoritjiet kompetenti tal-Kirgistan sabiex ikomplu l-isforzi tagħhom lejn riżoluzzjoni tas-sejbiet kollha ta' non-konformità identifikati matul il-verifika mwettqa mill-ICAO f'April 2009 bħala parti mill-Programm Universali ta' Verifika għas-Superviżjoni tas-Sikurezza (USOAP). Il-Kummissjoni Ewropea, assistita mill-Aġenzija Ewropea tal-Avjazzjoni tal-Ajru u bl-appoġġ tal-Istati Membri, tinsab lesta biex twettaq valutazzjoni fuq il-post ladarba l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni kkomunikat lill-ICAO tkun avvanzat biżżejjed; L-għan ta' din iż-żjara hu li tiġi vverifikata l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti applikabbli dwar is-sikurezza mill-awtoritajiet kompetenti u mill-impriżi li jkunu taħt is-superviżjoni tagħha …

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Gabon**

(70) L-awtoritajiet kompetenti tal-Gabon (ANAC) fis-26 ta' Ottubru 2010 kellhom konsultazzjonijiet mal-Kummissjoni, l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u mal-awtoritajiet kompetenti ta' Franza biex jippreżentaw il-progress li kien sar sa dakinhar. L-ANAC tat informazzjoni li l-qafas leġiżlattiv qiegħed jiġi rivedut attwalment, b'riforma tal-kodiċi tal-avjazzjoni ċivili, li jinvolvu l-azzjonijiet li ġejjin: a) riorganizzazzjoni tal-ANAC, mistennija li tiġi adottata sal-31 ta' Diċembru 2010; b) l-istabbiliment progressiv ta' sett komprensiv ta' regolamenti ajrunawtiċi Gaboniżi (RAG), li se jiddaħħlu gradwalement fis-seħħ sal-2011. L-ANAC irrappurtaw ukoll dwar il-progress ulterjuri li għamlet fil-bini tal-kapaċitajiet tagħha, bir-reklutaġġ ta' iktar spetturi. L-ANAC irrappurtaw ukoll li kien sar progress fis-superviżjoni tat-trasportaturi bl-ajru u fl-infurzar tar-regolamenti tas-sikurezza (RACAM) attwali, kif intwera bis-sospensjoni tal-AOC tat-trasportatur bl-ajru Air Services fit-30 ta' Lulju 2010, u s-sospensjoni temporanja tal-AOC tat-trasportatur bl-ajru Allegiance bejn it-22 ta' Awwissu u t-2 ta' Settembru 2010.

(71) Madankollu, l-ANAC ma wrietx li l-azzjonijiet rimedjali xierqa kienu implimentati qabel ma t-trasportatur bl-ajru Allegiance reġa' kiseb l-AOC tiegħu. Barra minn hekk, l-għadd u n-natura ta' whud min-nuqqasijiet identifikati jiżvelaw li jistgħu jkunu meħtieġa aktar azzjonijiet ta' infurzar, jekk it-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fil-Gabon jonqsu li jimplimentaw l-istandards tas-sikurezza applikabbli.

(72) Minħabba li abbażi tal-kriterji komuni, s'issa ma ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni l-ebda evidenza ta' implimentazzjoni sħiħa tal-azzjonijiet rimedjali adegwati mit-trasportaturi bl-ajru inklużi fil-lista tal-Komunità u mill-awtoritajiet li huma responsabbli mis-supreviżjoni regolatorja ta' dawn it-trasportaturi bl-ajru, huwa vvalutat li dawn it-trasportaturi bl-ajru għandhom jibqgħu soġġetti għal projbizzjoni tal-operat (Anness A) jew għal restrizzjonijiet tal-operat (Anness B), skont il-każ.

(73) L-ANAC ġiet infurmata dwar il-ħruġ ta' AOC ġdid tat-trasportatur bl-ajru Afric Aviation fil-25 ta' Settembru 2010 mingħajr ma uriet li ċ-ċertifikazzjoni u s-superviżjoni ta' dan it-trasportatur bl-ajru hu għal kollox konformi mal-istandards internazzjonali applikabbli tas-sikurezza. Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, hu vvalutat li Afric Aviation għandu jiġi inkluż fl-Anness A.

(74) L-Istati Membri għandhom ikomplu jimmonitorjaw il-prestazzjoni tat-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fil-Gabon permezz ta' spezzjonijiet iffukati fir-rampa mwettqa fil-qafas tal-programm SAFA bil-għan li tiġi mmonitorjata l-konformità sostenibbli tal-operat u l-manutenzjoni tagħhom mal-istandards applikabbli tas-sikurezza. F'każ li jkun hemm problemi dwar is-sikurezza matul l-ispezzjonijiet fir-rampa, il-Kummissjoni għandha tiġi sfurzata terġa' tikkunsidra l-miżuri applikabbli għal dawn it-trasportaturi fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat tas-Sikurezza tal-Ajru.

**It-trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika tal-Filippini**

(75) F'Ottubru 2010, il-Kummissjoni, assistita mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Ġermanja u Spanja għamlet żjara li fiha għamlet valutazzjoni tas-sikurezza fil-Filippini sabiex tivvaluta l-progress miksub mill-awtoritajiet kompetenti tal-Filippini (CAAP) u ċerti trasportaturi bl-ajru taħt is-superviżjoni tagħha, fl-implimentazzjoni tal-miżuri mwettqa sabiex ikun indirizzat it-tħassaib dwar is-sikurezza deskritt fir-Regolament (UE) Nru 273/2010.

(76) Ir-rapport li jirriżulta minn din il-valutazzjoni jikkonferma li, taħt it-tmexxija tad-Direttur Ġenerali ġdid tagħha, minn April 2010 'l hawn, l-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivil tal-Filippini wettqet sensiela ta' riformi ambizzjużi fis-sistema tas-superviżjoni tal-avjazzjoni ċivili tar-Repubblika tal-Filippini. Hu ċar li l-azzjonijiet mwettqa huma fid-direzzjoni t-tajba u jitqiesu daqslikieku jippermettu, ladarba jkunu implimentati b'mod effikaċi u sostenibbli, titjib sinifikanti lejn konformità mal-istandards tas-sikurezza mressqa mill-Organizzazzjoni Internazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili (ICAO). Dawn l-azzjonijiet jinvolvu partikolarment a) riformulazzjoni tar-regoli u regolamenti implimentattivi eżistenti għal Liġi tal-Avjazzjoni Ċivili bażika; b) reviżjoni sħiħa tar-Regolamenti tal-Avjazzjoni Ċivili eżistenti; c) il-ħatra ta' ammont sinifikanti ta' persunal skont il-kriterji mtejba tal-kwalifiki; d) il-kontinwazzjoni ta' programmi ta' taħriġ estensiv għall-istaff il-ġdid; e) il-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet u l-għoti ta' sistemi adegwati ta' informazzjoni sabiex jippermettu l-kontroll tal-approvazzjonijiet u l-liċenzji; f) iċ-ċertifikazzjoni ta' dawk it-trasportaturi bl-ajru li, għalkemm ikomplu bl-attivitajiet kummerċjali, għadhom mhumiex iċċertifikati skont ir-regolamenti tal-avjazzjoni ċivili li hemm fis-seħħ; g) l-iżvilupp ta' pjanijiet komprensivi ta' sorveljanza inkluż l-aspetti kollha tal-operat; u h) is-soluzzjoni għall-problemi dwar is-sikurezza li setgħu nqalgħu.

(77) Ir-rapport jenfasizza wkoll li, minkejja l-impenji tal-CAAP u l-enerġija investita minn April 2010 'l hawn, dawn ir-riformi ambizzjużi ma jistgħux jitlestew fi żmien ftit xhur, b'mod partikolari minħabba t-tul ta' żmien li hemm bżonn għall-proċess tar-rklutaġġ u ta' ħatra fil-Filippini lil hinn mill-kontroll tas-CAAP u n-nuqqas korrispondenti ta' riżorsi xierqa. Jidher li hemm bżonn iktar hin sabiex il-progress li jkun hemm ikun sostenibbli u sabiex il-kisbiet ikunu rikonoxxuti. Għalkemm is-CAAP wettqet l-azzjonijiet biex jindirizzaw it-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza nnotifikat mill-ICAO lill-Istati Kontraenti fl-2009, sal-lum kien għadu ma sarx progress biżżejjed biex jintemm it-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza. L-istess, minkejja l-azzjonijiet imwettqa mis-CAAP biex jiġu indirizzati s-sejbiet tan-nuqqasijiet fil-konformità rrappurtati mill-FAA fl-2007, sal-lum għadu ma sarx biżżejjed progress biex jiġi rikonoxxut mill-US FAA bħala konformi mal-istandards internazzjonali tas-sikurezza (Kategorija 1). Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet, hu vvalutat li f'dan l-istadju, it-trasportaturi kollha bl-ajru ċċertifikati fir-Repubblika tal-Filippini għandhom jibqgħu inklużi fl-Anness A.

(78) Il-Kummissjoni tistieden lill-Filippini biex jirrispetta l-iskeda ta' żmien tal-implimentazzjoni tal-impenji tagħhom lejn il-komunità internazzjonali, partikolarment rigward it-tħassib sinifikanti dwar is-sikurezza nnotifikat mill-ICAO. Biex jinkiseb dan, hu essenzjali li s-CAAP tkompli taġixxi b'mod indipendenti li hu neċessarju u li jiżgura li l-ħatra ta' biżżejjed staff li jissodisfa l-kriterji tal-kwalifiki sabiex tkun f'pożizzjoni li taqdi r-responsabbiltajiet tagħha b'mod effikaċi lejn il-komunità internazzjonali u tiżgura superviżjoni b'saħħitha li tkun konformi mal-istandards applikabbli tas-sikurezza. L-appoġġ mill-gvern tal-Filippini lis-CAAP hu essenzjali biex jinkisbu dawn il-miri.

**It-trasportaturi bl-ajru mill-Federazzjoni Russa**

